# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2019**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 719/2019 JVC**

**Reverendu Monsinjur Paul Vella**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Rev. Mons. Paul Vella kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-attur twieled fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961), u dan kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur hawn imsemmi mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru sitt elef mija u tnejn u disghin (6192) tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) l-isem tal-attur fil-kolonna "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*" huwa indikat bhala *"Paul"*;

3. Illi madanakollu r-rikorrenti ilu ghal hafna snin u konsistentement maghruf bl-isem *"Paul Carmel"* kif jirrizulta inter alia mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. B sa Dok. I ma' dan ir-rikors guramentat u wkoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi r-rikorrent ghandu interess u qieghed ghalhekk jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu skont il-Ligi, u qieghed permezz tal-prezenti jaghmel din it-talba gudizzjarja ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna d-debita korrezzjoni tal-Att tat-Twelid u f'kull att iehor ta' l-istat civili tal-attur;

5. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz l-avviz ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-isem li bih l-attur kien u ghadu konsistentement maghruf huwa ta' *"Paul Carmel"* u mhux "*Paul*";

2. Tordna sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tal-attur mahrug mill-konvenut, hawn aness u mmarkat bhala Dok. A, bin-numru sitt elef mija u tnejn u disghin (6192) tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961), fis-sens li fil-kolonna ntestata "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*" l-isem *"Paul"* jigi kancellat u sostitwit bl-isem "*Paul Carmel";*

3. Tordna illi l-bdil affetwat fl-Att tat-Twelid ta' l-esponent jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili ta' l-esponent inkluz izda mhux limitat ghall-passaport u l-karta ta' l-identita' ta' l-attur;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat.

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti d-direzzjonijiet tagħha biex b'hekk isem li għandu jissejjaħ bih ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tiegħu jinbidel minn 'Paul' għal 'Paul Carmel'. Sabiex jissostanzja t-talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jannetti mar-rikors ġuramentat, numru ta' dokumenti u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi. Madanakollu jkun fl-interess tar-rikorrent illi jippreżenta dawk il-provi ulterjuri, kemm dokumentarji kif ukoll bħala xhieda, li jsaħħu t-talba kif dedotta mir-rikorrent, ossia li tul ħajtu huwa kienet konsistentament msejjaħ u magħruf bħala 'Paul Carmel'.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi r-Reġistru Pubbliku m'għandux jinżamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrent stante li fil-każ de quo, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1', kien proprju missier ir-rikorrent li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, inkluż l-isem tar-rikorrent, u għal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Għaldaqstant, ġialadarba missier ir-rikorrent, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, aċċetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet waħda korretta permezz tal-firma tiegħu, dan kollu ma jirriżultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naħa tar-Reġistru Pubbliku. Stante dan, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti.

4. Illi mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kodiċi Ċivili illi għandha ssir tali korrezzjoni f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi kollha, inkluż iżda mhux limitat għall-passaport u l-karta tal-identita'. L-esponent jissottolineja illi l-Passaport u l-Karta tal-Identita' ma humiex dawk l-Atti li għalihom ssir referenza f'Artikolu 253(3), iżda korrezzjoni tista' ssir biss f'Atti tal-iStat Ċivili. F'każ li r-rikorrenti għandu Atti tal-iStat Ċivili li jixtieq ibiddel, huwa għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv.

5. Illi għaldaqstant, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. Magħdud ma' dan, l-esponent ukoll huwa tal-umli fehma illi fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew

nuqqas ta' aġir da parti l-esponent u kwindi d-Direttur ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża odjerna.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa partikolarment id-digriet tal-Arcisqof ta' Malta Charles J. Scicluna a fol. 9 tal-process, digriet iehor ta' Lawrence Gatt a fol. 10 tal-process u kif ukoll id-dokumenti l-ohra kollha annessi u esebiti fl-atti;

Tqis illi t-talba tal-attur giet sufficjentement ppruvata u ghalhekk jisthoqqilha li tigi milqugha;

Rat ukoll illi saret id-debita pubblikazzjoni esebita a fol. 20 *et seq* tal-process.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem li l-attur kien u ghadu konsistentement maghruf huwa ta' '*Paul Carmel'* u mhux ta' '*Paul'*;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tal-attur mahrug mill-konvenut hawn anness u mmarkat bhala Dokument A, bin-numru sitt elef mija u tnejn u disghin (6192) tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) fis-sens illi fil-kolonna ntestata "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* l-isem *"Paul"* jigi kancellat u sostitwit bl-isem "*Paul Carmel";*

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna illi l-bdil affetwat fl-Att tat-Twelid ta’ l-esponent jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili ta’ l-esponent li huma fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din il-Qorti u dan skont l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta’ Novembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta’ Novembru 2019**